**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spt. Jonathan Cassar)**

**Vs**

**CARMEL SCHEMBRI**

**Illum it-22 ta' Marzu 2022**

**Kaz Nru; 113/2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Carmel Schembri** ta' hamsa u hamsin (55) sena, iben Joseph u Maria nee' Grima, imwieled iz-Zurrieq nhar it-12 ta' April 1966, residenti fil-fond 3, November Rain, Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 294466M, akkuzat talli nhar it-Tlieta (3) ta' Marzu 2022 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00Hrs), gewwa 10, Sunshine, Triq Giuseppe Despott, Birzebbugia u/jew f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. Fil-fond 10, Sunshine, Triq Giuseppe Despott, Birzebbugia ikkommetta serq ta' 'mobile phone' liema oggett jammonta ghal mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Stephanie Darmanin u/jew persuna ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'persuna', bil-'lok' u bil-'hin'; Artikoli 261 (d) (e)(f), 268 (b), 269(g), 270 u 281 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta (Trafficking by sharing)
3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Prncipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mll-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data ghall-habta ta' bejn it-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30Hrs) u s-sitta ta' filghodu (06:00Hrs) gewwa dawn il-Gzejjer;

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat Artikolu 49(a) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamel uzu iehor mhux xieraq bih Artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Stephanie Darmanin Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli;

7. Irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu; Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
8. Ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr. N.Galea Sciberras LL.D. nhar l-14 ta' Awwissu 2021 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikollu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti giet mitluba ukoll sabiex tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Stephanie Darmanin, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti tal-kawza inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu salv ghas-sebgha imputazzjoni, liema ammissjoni huwa reggha kkonferma wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u wara li nghata zmien adegwat sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi;

Illi fir-rigward tas-sebgha imputazzjoni u cioe' recidiva dina l-Qorti tirrileva li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ta' sentenzi u wisq inqas li l-istess sentenzi meta saru res judicata.

Fir-rigward tal-piena dina l-Qorti ikkunsidrat in-natura tal-imputazzjonijiet dedotta fil-konfront tieghu, il-fedina penali tal-imputat, l-ammisjoni tal-imputat fl-iktar stadju bikri possibli kif ukoll il-kooperazzjoni tal-imputat mal-pulizija fejn adirittura taghhom informazzjoni li tista' twassalhom ghal terzi persuni li setgha kienu nvoluti f'dan id-delitt. Il-Qorti wara semghet ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur jixhed dwar ic-cirkostanzi tal-kaz inkluz dawk relatati mat-tieni imputazzjoni hija sodisfatta li l-qua imputat kien bihsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profit.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli 28B; 261(d), (e) u (f); 268(b); 269(g); 270; 281(c) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali; l-artikoli 22(1)(a); 22(2)(b)(i); 22(9); 9 u 11 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 49(a) u (c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-qua imputat mis-sebgha imputazzjoni filwaqt li fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **<u>hati</u>** tal-imputazzjonijiet l-ohra dedotti fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal sentejn prigunerija li, b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien erba' snin millum kif ukoll ghall-multa ta' Eur. 1000 li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Ewro (Eur. 200) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Illi b'referenza ghat-tmien imputazzjoni, dina l-Qorti ai termini tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali qed tbiddel l-ordni originali mghotija mill-Qorti

tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-14 ta' Awwissu 2021 bil-ghan li l-perjodu operattiv jiskadi fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali, ghas-sigurta ta' Stephanie Darmanin kif ukoll ghal bon ordni, qeghda torbot lill-hati ghall-perjodu ta' tnax-il xahar b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' Eur. 2,000.

Illi fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tichad din it-talba galadarba fil-proceduri odjerni ma gewx mahtura esperti.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur